**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha, 17 ta' Gunju, 2020**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 187/2016**

**Logotenent Kurunell Andrew Mallia**

**vs**

**Kap Kmandant, Forzi Armati ta' Malta**
**Ministru ghall-Intern u Sigurta Nazzjonali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tat-8 ta' Marzu 2016 li jghid hekk:

Illi fis-27 ta' Settembru 2013, is-segwenti, fost ohrajn, gew promossi ghall-grad ta' Kurunell fil-Forzi Armati ta' Malta, cioe Pierre Vassallo, Mark Said, Jeffrey Curmi u Mark Mallia.

Illi dawn l-individwi kienu anqas anzjani mir-rikorrent u in oltre kienu gew promossi ghall-grad ta' Logotenent Kurunell biss gimghatejn (2) qabel ma gew promossi ulterjorment kif indikat hawn fuq.

Ill dan kollu kien bi ksur - kif il-Kap Kmandant ta' dak iz-zmien kien informa lir-rikorrent - tal-proceduri ghall-promozzjoni stabbilit fl-2009. Il-Kap Kmandant kien stqarr ukoll illi ma kienx ta' rakkomandazzjoni ghal promozzjoni accellerata u li kien il-Ministru ta' dak iz-zmien, l-Onor. Dr Manwel Mallia, li kien ghamel id-decizjonijiet rilevanti.

Illi dan wassal lir-rikorrent biex jitlob illi l-lanjanza tieghu tigi riferta lill-E.T. il-President skond il-ligi, u f'April 2015 kellu intervista mal-E.T. il-President skond il-procedura

normali. Fil-10 ta' Settembru 2015 kien gie nfurmat illi l-E.T. il-President ma kienet sabet ebda irregolarita.

Illi l-process ta' promozzjoni tal-individwi kkoncernati hu bi ksur tal-provvedimenti tal-art. 6 tal-AL220.03, peress illi ma kienx hemm rakkomandazzjoni ghal "accelerated promotion" da parti tal-Kap Kmandant [art. 6(2)] u ma gewx segwiti l-kriterji tal-art. 6(1) tal-AL imsemmi.

Illi hu impossibbli illi ghal dak li jirrigwarda efficjenza, kapacita, kwalifici u generalment il-kwalitiajiet necessarji l-erba’ individwi msemmija huma ahjar mir-rikorrent, specjalment tenut kont tal-fatt illi kienu ilhom biss gimghatejn (2) fil-grad ta' Logotenent Kurunell komparat mat-tlett snin tar-rikorrent u ghalhekk ma setax, bl-ebda mod immaginabbli, kien hemm kejl komparattiv bejnhom u r-rikorrent.

Illi ghalhekk hu car fil-fehma umli tar-rikorrent illi fil-kaz ta' dawn l-erba' individwi, ttiehdu in konsiderazzjoni fatturi estraneji ghal dawk li huma legalment imposti meta jkun hemm promozzjonijiet, li ghalhekk iwassal ghall-konkluzjoni illi r-rikorrent gie ddiskriminat minhabba t-trattament specjali li nghataw l-istess individwi.

Illi r-rikorrent kien ipprezenta Protest Gudizzjarju fl-1 ta' Frar 2016 (Dok. A anness) li l-intimati kienu laqghu ghalih kif indikat fil-Kontro-Protesti annessi (Dok. B u C) fejn fl-umli fehma tar-rikorrent ma mexxilhomx jaghmlu argument kontra dak li jasserixxi.

Illi fl-umli fehma tar-rikorrent, l-agir tal-intimati jew min minnhom kien, u jibqa':
i) bi ksur tad-dritt tieghu li ma jkunx iddiskriminat fuq il-post tax-xoghol billi jinghata lilu direttament jew indirettament, trattament mhux accettabbli f’socjeta demokratika illi jwassal ghal tnaqqis minn dak li ghandu dritt jippretendi bhala rizultat tal-hidma tieghu u/jew
ii) bi ksur tal-provvedimenti applikabbli tal-art. 469(A) tal-Kap. 12
iii) tali illi jirrekalu danni fil-hajja professjonali u l-karriera tieghu.

Ghaldaqstant umilment jitlob illi din l-Onor. Qorti:

1. Taqta' u tiddeciedi illi l-agir premess da parti tal-intimati jew min minnhom kien u ghadu bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrent kif premess u

2. Tordna li jittiehdu dawk il-mizuri illi jkunu fil-fehma tal-Onor. Qorti adekwati biex jirrimedju l-lezjoni tad-drittijiet tar-rikorrent kif premess u

3. Tillikwida arbitri boni viri kull danni sofferti mir-rikorrent

4. Tordna l-hlas ta' dawn id-danni lir-rikorrent mill-intimati jew min minnhom

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. Preliminarjament l-esponenti jeccepixxu li r-rikorrent ghandu jispecifika liema huma ezattament l-artikoli tal-ligi li fuqhom qed jibbaza l-azzjoni odjerna u dan anki ghaliex l-intimati qed ikunu pregudikati meta jridu jissottomettu eccezzjonijiet ghal

azzjoni li ma hiex identifikata. Ghalkemm fir-rikors promotur issir referenza ghall-artikolu 469A tal-Kap. 12, l-esponenti huma tal-umli fehma li r-rikorrent ghandu jindika ukoll jekk l-ilment tieghu jinkwadrax ruhu taht is-subinciz (1)(a) u/jew 1(b) tal-artikolu 469A u jirriservaw li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri skont il-kaz.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u preliminarjament ukoll, dina l-Onorabbli Qorti m'ghandha l-ebda gurisdizzjoni biex tissindika l-promozzjonijiet mertu tal-kawza odjerna peress li dawn jirrigwardaw l-organizzazzjoni u l-amministrazzjoni interna tal-Forzi Armati ta' Malta u li skond l-artikolu 469A(2) tal-Kap. 12 dawn id-decizjonijiet huma eskluzi mid-definizzjoni ta' "att ammistrattiv" f’dak l-artikolu u jaqghu barra s-sindakabilita gudizzjarja.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u preliminarjament ukoll, dina l-Onorabbli Qorti ma ghandha l-ebda gurisdizzjoni biex tissindika l-promozzjonijiet mertu tal-kawza odjerna stante li dawn jaghmlu parti minn kondizzjonijet ta' impjieg f'servizz mal-Gvern skond l-artikolu 469A(6) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u huma ghalhekk rapport specjali regolat b'dispozizzjoniet specjali specifikatament applikabbli ghalih.

4. Illi subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jeccepixxu preliminarjament ukoll illi din l-azzjoni, sa fejn hija msejsa fuq l-artikolu 469A(1)(b), hija milquta bid-dekors tas-sitt (6) xhur u dan ai termini tal-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-promozzjonijiet in kwistjoni sehhew fis-27 ta' Settembru 2013 u l-kawza odjerna giet pprezentata nhar it-8 ta' Marzu 2016 u ghaldaqstant hija kjarament milquta bid-dekandanza tas-sitt (6) xhur liema perjodu ma huwiex soggett ghas-sospenzjoni jew interuzzjoni permezz ta' att gudizzjarju.

5. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost u jekk hemm-il darba l-azzjoni tar-rikorrent tinkwadra ruhha wkoll fl-artikoli 469A(1)(a) u (l)(b)(iv) tal-Kap. 12, l-esponenti jirrilevaw li skond taghlim gurisprudenzjali, ir-rikorrent ma jistghax jiftah din il-kawza ordinarja ghal stharrig gudizzjarju taht is-subartikolu 1(a) tal-artikolu 469A u jallega ksur tad-drittijiet fundamentali kif protetti bl-artikolu 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni u ghalhekk wiehed ghandu jzomm il-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza civili separati u distinti minn xulxin. Marbut ma' dan jinghad il-kliem "imur mod iehor kontra l-ligi" fis-subartikolu (1)(b)(iv) tal-artikolu 469A jirreferi ghal kwalsiasi ligi ad eskluzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporati fil-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk jekk jirrizulta li l-ilment tar-rikorrent huwa li l-ghemil amministrattiv in kwistjoni jilledi xi wiehed mill-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni jew jilledi d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea inkorporati fil-Kap. 319, tali ilment ma jaqghax taht azzjoni ta' "judicial review" provdut bl-artikolu 469A tal-Kap. 12.

6. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghal fuq espost u preliminarjament jigi rilevat li l-azzjoni ghall-stharrig gudizzjarju ta' ghemil amministrattiv kif impostata hija inapplikabbli ai termini tal-artikolu 469A(4) tal-Kap. 12 galadarba r-rikorrenti jista' jikseb rimedju alternattiv provdut f’ligi ohra. Senjatament jigi rilevat illi l-attur jallega 'diskriminazzjoni' minghajr ma jindika fuq liema kriterju gie diskriminat. Ir-referenza tieghu ghal 'trattament mhux accettabbli f'socjeta demokratika’ huwa simili ghal-terminologija uzata fl-Att dwar il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi, Kap. 267 tal-Ligijiet ta' Malta, liema Kummissjoni tista' tkun vestita bil-gurisdizzjoni dejjem skont in-natura tad-diskriminazzjoni allegata mill-attur.

7. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost jinghad li l-allegazzjonijiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

8. Illi l-esponenti jeccepixxu n-nuqqas ta' fundament guridiku ghall-azzjoni odjerna billi ma jezisti ebda dritt illi wiehed jiehu promozzjoni.

9. Illi l-esponenti jsostnu li l-mod kif gew promossi ghall-grad ta' Kurunell fl-Armata, Jeffrey Curmi, Pierre Vassallo, Mark Mallia u Mark Said kien wiehed gust, skond il-ligi u b'osservanza tal-principji naturali u ghalhekk l-esponenti la agixxew ultra vires u lanqas b'abbuz ta' poter.

10. Illi l-esponenti jishqu li l-promozzjonijiet mertu tal-kawza odjerna saru skont id-dettami tal-legislazzjoni applikabbli u jichdu kategorikament li dawn kienu "accelerated promotions" ai termini tal-artikolu 6(2) tal-AL 220.03.

11. Illi ladarba tilhaq il-grad ta' Logotenent Kurunell, kull Logotenent Kurunell fil-Forzi Armati ta' Malta ikun ugwalment eligibbli ghall-promozzjoni sussegwenti u dan dejjem skont il-ligi. Jigi soffermat l-fatt illi legalment ma tezisti l-ebda imposizzjoni dwar kemm persuna ghandha ddum fil-grad ta' Logotenent Kurunell qabel ma tkun eligibbli ghall-grad ta' Kurunell.

12. Illi l-proceduri nterni tal-2009 msemmija mill-attur qall ma ntuzaw fir-rigward ta' promozzjoni ta' Kurunell u kienu biss mezz tal-Ministru responsabbli ta' dak iz-zmien dwar kif jezercita d-diskrezzjoni tieghu. Dawn naturalment ma ghandhomx sahha ta' ligi u lanqas ma huma xi procedura ben stabbilita li tmur lura s-snin.

13. Illi l-anzjanita ma hiex l-uniku kriterju li fuqu tkun ibbazata promozzjoni u dan minghajr pregudizzju ghall-pozizzjoni li whud mill-fizzjali li jilmenta dwarhom l-attur kien ilhom fis-servizz tal-AFM ferm iktar minnu. Lanqas ma huwa l-attur f'pozizzjoni li jikkumpara l-kwalifici u l-kapacitajiet ta' dawk promossi meta dawn huma f'oqsma ta' kompetenza differenti ghall-tieghu izda ugwalment bzonnjuzi ghall-Armata. Aktar minn hekk, lanqas ma jirrizulta li l-attur qatt hadem direttament jew kellu l-kmand ta' l-individwi li jilmenta dwarhom u huwa ghalhekk mhux maghruf kif wasal ghall-konkluzjoni gratuwita illi "l-efficjenza, il-kapacita, kwalifici u generalment il-kwalitajiet necessarji" tieghu huma superjuri ghall-taghhom.

14. Illi l-ewwel u t-tieni talbiet tal-attur ma jistghux fi kwalunkwe kaz jintlaqghu stante li huma improponibbli u ma jinkwadrawx ruhhom fil-parametri ta' gurisdizzjoni permessi minn azzjoni taht l-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Li kieku dawn it-talbiet kif proposti jkollhom jintlaqghu, jirrizultaw f'eccess tal-vires vestit f'din l-Onorabbli Qorti f'azzjoni ta' stharrig gudizzjarju.

15. Illi konsegwentament lanqas ma jistghu jintlaqghu t-tielet u r-raba' talbiet attrici u fi kwalunkwe kaz ma hemm l-ebda ness ta' kawzalita bejn l-agir tal-esponenti u d-danni pretizi mill-attur. Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ai termini tas-subinciz (5) tal-artikolu 469A tal-Kap. 12, annullament ta' att amministrattiv kommess minn awtorita pubblika ma twassalx ghal ghoti ta' danni sakemm ma jigix ippruvat illi l-awtorita pubblika agiet in mala fede, b’mod irragjonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setghet legalment u ragjonevolment tigi michuda taht kull setgha ohra.

16. Illi in vista tas-suespost, l-esponenti qieghdin umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

17. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Provi**

Il-Kurunell George Galea xehed illi l-promozzjonijiet fi hdan il-forzi armati jigu ppublikati permezz ta' General Order, u spjega li kull membru tal-FAM huwa obbligat li jzomm ruhu aggornat u huwa ghaldaqstant meqjus bhala infurmat bil-kontenut ta' dawn il-General Orders. Dan ix-xhud spjega wkoll li r-rikorrent kien ressaq ilment skont l-Artikolu 160 tal-Att dwar il-Forzi Armati (Kap. 220) fit-30 ta' Settembru 2013 u kien ukoll ressaq ilment quddiem l-Ombudsman rigward il-promozzjonijiet li kienu saru f'Settembru 2013.

Ir-rikorrent, Logotenent Kurunell Andrew Mallia, xehed illi fis-27 ta' Settembru 2013 kienu gew promossi seba' Ufficjali mill-grad ta' Tenent Kurunell ghall-grad ta' Kurunell. Ix-xhud spjega illi hu kien ha l-grad ta' Logotenet Kurunell fl-1 ta' Lulju 2010 u li mis-seba' Ufficjali li kienu gew promossi kien hemm tlieta biss li kienu gew promossi ghal grad ta' Tenenet Kurunell qablu, u cioe fl-2006, u ghalhekk huma biss kellhom aktar anzjanita' minnu. Qal illi l-erba' Ufficjali l-ohra kienu gew promossi fil-grad ta' Tenent Kurunell fit-13 ta' Settembru 2013, u cioe 14 -il gurnata qabel il-promozzjoni taghhom ghal Kurunell u ghalhekk kienu jgawdu mill-anqas tlett snin anqas anzjanita minnu fil-grad ta' Tenent Kurunell. Ix-xhud spjega wkoll illi fil-forzi armati l-anzjanita m'hijiex ibbazata fuq kemm persuna tkun ilha fis-servizz, ghaliex grad oghla igawdi aktar anzjanita minn fuq il-grad aktar baxx, filwaqt illi ghal persuni li jkunu gew promossi fl-istess grad fl-istess gurnata l-anzjanita tiddependi fuq l-ordni li fih jigu ppubblikati l-ismijiet fil-Gazzetta tal-Gvern. Huwa xehed ukoll li apparti minn hekk, tabilfors huwa kellu aktar efficjenza minn dawn l-erba' persuni peress illi kien ilu jservi fil-grad ta' Logotenet Kurunell ghal ferm aktar zmien, u li din l-efficjenza hija

dokumentata *Performance Assessment Review Reports* li juru li l-prestazzjoni tieghu kienet wahda eccellenti. Huwa jghid ukoll li fil-fehma tieghu huwa kellu aktar esperjenza fix-xoghol ta' *Staff* peress illi kien ilu kwazi 10 snin fuq din il-linja, u li barra minn hekk hadd minn dawn l-erba' individwi ma kien iggrawda mill-hekk imsejhin Staff Colleges filwaqt illi huwa kien iggradwa b'distinzjoni mill-United States Naval College fl-2001, u kellu wkoll post-graduate diploma fil-ligi marittima mill-IMLI u kellu esperjenza kbira fix-xoghol ma' istituzzjonijiet Ewropej bhal FRONTEX kif ukoll il-Kunsill u Kummissjoni Ewropeja, li fl-opinjoni tieghu huwa kien ghalhekk ugwali fil-kwalita meta kkomparat ma' dawn l-erba' individwi, u li ghalhekk, ikkonsidrat li kellu aktar anzjanita u efficjenza dokumentata, skont hu kellu jigi promoss huwa qabilhom. Xehed li ghalhekk huwa kien intavola ilment a bazi tal-Att dwar il-Forzi Armati, izda dan kien gie rifjutat u kien ghalhekk illi proceda b'din l-azzjoni.

Rigward il-kriterju ta' anzjanita xehed illi huwa ma sab l-ebda definizzjoni ta' dan it-terminu, pero ma jistghax ikun li l-anzjanita tigi ddetermina minn kemm ilek fis-servizz u mhux fir-*rank* anke ghaliex fis-Seniority List tal-armata l-ufficjali jigu elenkati fil-grad taghhom skont l-anzjanita, u min jidhol l-ahhar ikun indikat l-ahhar fil-lista.

In kontro-ezami spjega illi huwa qed jaghmel ilment fir-rigward ta' erbgha mill-promozzjonijiet li inghataw fl-2013 u mhux fir-rigward tal-promozzjonijiet kollha ghaliex dawn l-individwi kienu lahqu Logotenent Kurunell warajh u ghalhek kienu l-*juniors* tieghu, u zied illi huwa ma kellu l-ebda informazzjoni dwar il-kwalifiki taghhom. Xehed ukoll illi mill-grad ta' Kaptan sal-grad ta' Logotenent Kurunell huwa dejjem hadem gewwa l-branka tal-*Operations.* Xehed illi meta kien Maggur huwa kien inghata *accelerated promotion* billi inghata *acting appointment* ta' Staff Officer I li ssoltu huwa appuntament li jinghata lil Logotenent Kurunell, u sena wara kien inghata *acting rank* ta' Logotenent Kurunell.

Dr Emmanuel Mallia xehed illi fis-27 ta' Settembru 2013 huwa kien il-ministru responsabbli mill-forzi armati, fiz-zmien meta l-Kap Kmandat kien il-Brigadier Martin Xuereb. Huwa spjega li ghal dak li kellu x'jaqsam il-promozzjonijiet sal-grad ta' Maggur dawn isiru skont il-numru ta' snin li membru jkun ghamel fi grad partikolari

filwaqt illi ghal promozzjonijiet minn Maggur ghal Logotenent Kurunell kien hemm is-sistema ta' SRAAC, li kien kumitat tal-forzi armati stess li kien jirrakomanda lil Ministru min ghandu jigi promoss, u li kien filfatt dan il-kumitat li kien irrakkomanda li jigu promossi l-erba' individwi indikati mir-rikorrent fir-rikors tieghu u huwa kien accetta din ir-rakkomandazjzoni. Fir-rigward ta' promozzjonijiet ghal grad ta' Kurunell sa Brigadier, dawn huma ghazla tal-Ministru u m'hemmx SRAAC. Mistoqsi jekk kienux saru xi tibdiliet fis-sistema ta' SRAAC xehed illi kien hemm xi affarijiet ta' *policy* li huwa ma kienx qabel maghhom u ghalhekk kien ta struzzjonijiet lil Brigadier Xuereb illi huwa ma kienx ser isegwi din il-*policy.*

Mistoqsi rigward kif titqies l-anzjanita huwa xehed illi dak li jittiehed in konsiderazzjoni huwa kemm l-individwu jkun ilu jservi fl-armata u mhux fi grad partikolari, u zied li hamsa mis-seba' persuni li kienu gew promossi fl-2013 kellhom aktar anzjanita mir-rikorrent. Rigward dawn il-promozzjonijiet xehed illi huwa kien gie infurmat mill-armata li kien hemm seba' vakanzi fl-armata ghal Kurunelli u kienu kollha ghal branka partikolari, li milli seta' jiftakar kienu jinkludu wahda fil-Human Resources, wahda fil-Finanzi, wahda f'International Affairs u wahda f'Operations and Training. Spjega illi peress illi l-process ta' promozzjoni huwa regolat mir-regolament 2 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 220.03 huwa kien ezamina l-kwalifiki tal-persuni koncernati u ghazel dawk il-persuni li ghalih kienu l-aktar idoneji ghal vakanza partikolari.

Fir-rigward tar-rikorrenti in partikolari xehed illi huwa kellu kwalifiki tajbin hafna sabiex ikun Kurunell fl-Operations izda huwa kellu efficjenza fil-marittimu biss, filwaqt illi Claudio Spiteri kellu efficjenza fil-marittimu, fl-Infantry u anke fl-ajru u ghalhekk kien hass li Spiteri kien aktar idoneju nonostante l-fatt li r-rikorrent kellu aktar anzjanita minn Spiteri. Spjega li kien ghazel lil Mark Mallia ghaliex kellu karriera f'amministrazzjoni u Masters f'Business Administration u Human Resources u kien Senior Aide de Camp tal-Presidenza u ghalhekk hass li huwa kien aktar idoneju ghal vakanza fi hdan il-brank tal-Human Resources Management. Fil-kaz tal-Brigadier Jeffrey Curmi huwa kien ra "*all-rounder*" espert ta' *bomb disposal* u li kien hadem mal-Qorti u mal-pulizija. Pierre Vassallo kien dejjem hadem fil-logistika u ghalhekk kien aktar idoneju biex imexxi l-branka tal-Logistika filwaqt illi Mark Said kien dejjem

hadem fil-branka tal-ajru u ghalhekk kien aktar idoneju biex imexxi l-branka tal-ajru specjalment ikkonsidrat li kienu ser idahhlu xi *helicopters* u ajruplani godda u kellhom bzonn jaghmlu tahrig tal-membri tal-korp fuq dawn. Zied illi ma kien hemm hadd specifiku li irrakomanda lil xi hadd minn dawk li hadu l-promozzjoni ghal dawn il-vakanzi.

Mistoqsi direttament mill-Qorti jekk l-erba' persuni indikati fir-rikors kienux saru Logotenent Kurunell bl-intenzjoni specifika sabiex minn hemm ikunu papabbli biex isiru Kurunell wiegeb illi huwa kien sempliciment giet nformat li kien hemm numru ta' vakanzi fi branki partikolari li kellhom jigu mimlija u ghalhekk huwa ghamel ezercizzju sabiex jara minn kien l-ahjar persuna ghal kull vakanza. Zied illi huwa m'huwiex involut fl-ghazla ghall-promozzjonijiet minn Maggur ghal Logotenent Kurunell izda sempliciment jaghti promozzjoni li dawk li jkunu gew rakkomandati mill-Brigadier, u ghalhekk ma jistghax ikun il-kaz li gara li kien gie mistoqsi mill-Qorti. Rigward jekk sarux *Performance Appraisals* tal-erba' persuni indikati fir-rikors tal-efficjenza taghhom qabel ma gew promossi wiegeb illi ma jidhirlux li din kienet saret ghal gimghatejn li kienu fil-grad ta' Logotenet Kurunell izda kellu *appraisals* ta' qabel.

Il-Brigadier irtirat Martin Xuereb xehed illi huwa kien il-Brigadier tal-FAM bejn Jannar 2010 u Ottubru 2013 u ghalhekk fiz-zmien meta saru il-promozzjoni li r-rikorrent qed jilmenta minnhom. Qal illi pero huwa ma kienx gie mistoqsi sabiex jaghmel *performance assessment report* dwar dawn il-persuni fil-kariga taghhom ta' Logotenent u lanqas ma kien gie mistoqsi ghal opinjoni tieghu dwar dawn il-persuni mill-Ministru responsabbli u kien sar jaf dwar il-promozzjonijiet proprju mill-Gazetta tal-Gvern.

In kontro-ezami xehed illi huwa ma jafx dwar il-promozzjoni ta' Claudio Spiteri, Brian Gatt u Alfred Attard u jaf biss dwar il-promozzjoni tal-individwi indikati fir-rikors promotur.

Il-Kurunell Mark Mallia spjega fir-rigward tad-dokument mmarkati bhala Dok MM1 sa Dok MM1C illi dawn huma l-lista kif tinqara fl-ordni tal-ufficjali, u li l-lista A hija l-lista originali filwaqt illi l-lista B tirrifletti s-sitwazzjoni wara li saru xi aggustamenti biex xi

rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Ingustizzji. Xehed illi taht il-kmand tal-Brigadiet Xuereb kienu saru sebgha promozzjonijiet ghal grad ta' Kurunell: George Galea, Jeffrey Curmi, Mark Said, Pierre Vassallo, Brian Gatt, Claudio Spiteri, Alfred Attard u x-xhud stess. Huwa spjega li promozzjoni accellerata tfisser meta ssir promozzjoni fejn iz-zmien stipulat fil-*soldiers carrier hand book* ma jigix osservat jew fejn tinqabez *rank.* Zied illi zmien stipulat li jrid jghaddi sabiex ufficjali ikun jista' jigi promoss japplika ghar-*ranks* sa Maggur biss. Fir-rigward tal-procedura ta' SRAAC qal illi din kienet giet introdotta fl-2011, u li qabel dan il-membri tal-FAM kienu jsiru jafu bi promozzjonijiet meta kienu jigu ppublikati fl-Internal General Order. Qal ukoll illi din is-sistema ta' SRAAC kienet intuzat darba biss ghal grupp ta' promozzjonijiet minn Maggur ghal Logotenent Kurunell u qatt ma ntuzat ghall-promozzjonijiet minn Logotenent Kurunell ghal Kurunell. Zied illi fl-2013 kienu saru xi kambjamenti fis-sistema ta' SRAAC minhabba li l-Ministru kien qal li kien hemm certu elementi li kienu diskriminatorji ghaliex kienet talloka ammont ta' punti ghal affarijiet bhal *deployments* barra minn Malta, u tahrig, izda s-selezzjoni ta' ufficjali ghal dawn l-affarijiet ma kienetx issir permezz ta' xi sistema oggettiva. Qal li sabiex isir promozzjoni ghar-*rank* ta' Kurunell l-individwi koncernati jigu evalwati fuq tlett kriterji, u cioe efficjenza, anzjanita u ghazla biex timtela vakanza, u dawn il-kriterji ghandhom importanza ugwali.

In kontro-ezami xehed illi ghall-finijiet ta' certu promozzjonijiet l-anzjanita tittiehed in tinghadd mill-ahhar *rank* li kellu l-individwu, pero z-zmien kollu li jkun ilu fis-servizz dak il-persuna jigi mehud in konsiderazzjoni wkoll. Rigward *Staff College* xehed illi dan huwa wiehed mill-korsijiet ta' formazzjoni li tista' taghmel matul il-karriera fil-militar u li hu kien ghamel kors bhal dan fil-Germanja. Mistoqsi jekk meta kwalifika f'Search and Rescue ir-rikorrent kienx wiehed mill-ghalliema principali xehed illi r-rikorrent kien ghallem wiehed mill-*modules* ta' dan il-kors.

Silvio Xerri xehed illi fiz-zmien meta saru l-promozzjonijiet li dwarhom qed isir dan l-ilment mir-rikorrent huwa kien jokkupa l-posizzjoni ta' Chief of Staff fi hdan il-Ministeru tal-Intern u Sigurta Nazzjonali. Xehed illi dak iz-zmien kienet inghatat ghal promozzjoni fir-rank ta' Kurunell lil George Galea, u sussegwentement kien hemm seba' vakanzi fir-rank ta' Kurunell u ghalhekk kienet saret il-*call* u kien hemm

ammont ta' laqghat inkluz mal-Brigadier Xuereb. Qal illi l-Ministru kellu stampa cara tal-individwi li kienu gew promossi peress illi kien ha ideja preciza dwarhom mill-laqghat li kellu mal-Brigadier.

Kevin Mahoney xehed illi huwa ilu jokkupa l-kariga ta' Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghall-Intern u Sigurta Nazzjonali minn Marzu 2013 u spjega li ghal bidu kienu saru laqghat mal-Brigadier Xuereb u ufficjali ohra tal-Armata li kienu spjegawlhom x'inhu l-'*establishment'.* Qal illi dak iz-zmien kien hemm xi vakanzi ghall-promozzjoni fil-grad ta' Kurunell, u kien gie stabbilit illi l-mekkanizmu ta' SRAAC qatt ma kien gie uzat ghal promozzjonijiet f'dan il-grad u li kull Kurunell kien gie appuntat direttament mill-Ministru bhal ma tispecifika l-ligi. Qal illi kienu jinzammu Defence Meetings regolari u l-hatriet u l-promozzjonijiet kienu jigu diskussi mal-Brigadier. Rigward dan esebixxa Dok B li huwa l-Agenda ta' Defence Meeting li kienet sehhet fid-29 ta' Lulju 2013 li turi li wiehed mis-suggetti li gew diskussi kien rigward il-promozzjonijiet minn Maggur ghal Logotenent Kurunell u minn Logotenent Kurunell ghal Kurunell. Xehed illi l-promozzjoni tal-individwi indikati fir-rikors promotur kienet saret bl-istess mod li kienet saret il-promozzjoni tal-Kurunell Mario Galea. Qal ukoll illi huwa cert li l-Brigadier Xuereb kien jaf bil-promozzjoni tal-persuni indikati mir-rikorrent qabel ma' din giet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern peress illi huwa stess kien bghatlu *email* dwarhom fil-25 ta' Settembru 2013 (Dok H).

Il-Maggur Carmel Mercieca xehed illi huwa ilu jservi fil-Forzi Armati ghal 39 sena u r-rank tieghu hija ta' Maggur, u jokkupa l-*appointment* ta' *records officer.* Rigward kif tigi kkalkolata l-anzjanita ta' ufficjal xehed illi din tigi kkalkulata mid-data ta' ingagg.

Il-Kap Kmandat tal-Forzi Armati Jeffrey Curmi xehed illi huwa dahal fis-servizz fl-1994 u inhatar Kap Kmandat fl-20 ta' Dicembru 2013. Spjega illi appuntament u promozzjonijiet mir-*rank* ta' Kurunell -il fuq isiru skont id-decizjoni assoluta tal-Ministru filwaqt illi minn Logotenent Kurunell l-isfel l-ghazla hija tal-Kap Kmandat. Xehed illi fl-2013 kienu gew promossi tmien kurunelli, u cioe George Galea, Mark Mallia, Mark Said, Pierre Vassallo, Claudio Spiteri, Alfred Attard, Brian Gatt u x-xhud innfisu. Huwa qal illi Mark Said u Pierre Vassallo kien dahlu fl-armata ferm qabel ir-rikorrent. Rigward ir-rikorrent xehed illi is-sistema ta' SRAAC kienet giet introdotta fl-

2009 u intuzat ghall-ewwel darba fl-2011 sabiex gew promossi erba' Logotenent Kurunelli, izda r-rikorrent u certu Wallace Camilleri ma kienux ghaddew minn din il-procedura peress illi il-promozzjoni taghhom ghar-*rank* ta' Logotenent Kurunell kienet giet *backdated* ghas-sena ta' qabel fl-2010, wara li nhatru minghajr ma harget sejha ghall-*expressions of interest*. Xehed illi sa fejn jaf hu, it-tibdiliet li saru fis-sistema ta' SRAAC kien saru peress illi kien hemm punti li kienu gew meqjusa bhala diskriminatorji, fejn per ezempju hemm ammont ta' punti allokati ghal *deployments* barra minn Malta meta l-persuni li kienu jinghazlu ghalihom kienu jigu sempliciment *pinpointed.*

Ix-xhud ta' spjegazzjoni qasira tal-kwalifici u l-esperjenza tal-persuni indikati fir-rikors tar-rikorrenti, inkluz tieghu stess, u fir-rigward tieghu zied illi peress illi fix-xoghol tieghu huwa kien l-aktar wiehed kwalifikat huwa dejjem kien ikun *in command* u kien ukoll hadem hafna mal-Qorti u mal-protezzjoni civili.

In kontro-ezami xehed illi ma kienet saritlu l-ebda *interview* sabiex jigi promoss ghar-*rank* tal-Kurunell izda kien sempliciment gie mahtur mill-Ministru. Xehed illi *performance appraisal* isir kull sena ghal kull ufficjali fil-forzi armati.

**Konsiderazzjonijiet**

**Eccezzjonijiet preliminari**

**Id-definizzjoni ta' 'att amministrattiv' u l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti**

It-tieni sub-inciz tal-artikolu 469A jipprovdi illi

> eghmil amministrattiv" tfisser il-hrug ta' kull ordni, licenza, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, izda ma tinkludix xi haga li ssir bl-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi meta qorti tissejjah sabiex taghmel stharrig gudizzjarju ta' xi ghemil tal-awtorita pubbliku, l-eskluzjonijiet moghtija mill-ligi ghal gurisdizzjoni taghha ghandhom jinghataw interpretazzjoni dejqa u l-qorti m'ghandhiex facilment tiddeciedi illi ma tezercitax dawn is-setghat. Dan kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Raymond Camilleri vs Il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati** (PA 26/10/2010):

> Billi din tal-lum hija azzjoni meqjusa bhala wahda ta' procedura specjali dwar stharrig tal-ghamil tal-amministrazzjoni pubblika, jibda biex jinghad li s-

> setghat li l-ligi taghti lill-Qrati f'azzjonijiet bhal din iridu jitwettqu fil-parametri precizi li tistabilixxi l-ligi specjali. Min-naha l-ohra, fejn din il-Qorti tissejjah biex twettaq is-setgha taghha li tistharreg ghamil ta' xi awtorita' pubblika, u x'aktarx minhabba li dan l-istharrig huwa r-rimedju wahdien li jinghata lil min ihossu mgarrab b'dak l-ghamil, din ghandha twettaqha safejn possibbli u safejn il-ligi ma teskludihiex milli tindahal, u ghandha taghti lill-eskluzjoni tifsira mill-idjaq kontra li terhi milli twettaq is-setghat taghha.

Illi skont l-insenjament tal-qrati, ghemil amministrattiv huwa suggett li jigi mistharreg mill-qorti fejn dan ikun att li jikkostitwixxi decizjoni mehuda minn awtorita pubblika, kemm jekk din tkun decizjoni li tilqa' talba kif ukoll jekk tkun decizjoni ta' rifjut ta' talba.[1] Inoltre,

> [b]iex ikollha il-kwalitajiet ta' decizjoni, dik il-kitba trid tkun ghalqet kwestjoni jew ilment billi tghid li dik hija l-fehma ahharija tal-awtorita' pubblika li tkun ghall-ilment jew ghat-talba li jkun sarulha."[2]

Illi applikati dawn il-principji ghal kaz odjern, il-Qorti hija tal-fehma illi din l-eccezzjoni hija nfondata. L-ghoti ta' promozzjoni lil persuni indikati mir-rikorrent jikkostitwixxi ordni mill-awtorita kompetenti kif ukoll decizjoni ahharija mehuda mill-intimati fir-rigward tal-*call* li saret biex jintlew il-vakanzi li kien hemm fir-*rank* ta' Kurunell.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

### Kondizzjonijiet ta' impjieg f'servizz mal-Gvern

L-intimati eccepew ukoll illi l-Artikolu 469A m'huwiex applikabbli fil-kaz odjern ai termini tas-sitt sub-inciz ta' dan l-artikolu peress illi l-kwistjoni titratta impjieg mal-gvern. Dan is-sub-inciz jipprovdi hekk:

> Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, u ta' kull dispozizzjoni ohra ta' din il-ligi u ta' kull ligi ohra, servizz mal-Gvern hu rapport specjali regolat b'dispozizzjonijiet specjali specifikatament applikabbli ghalih u bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti minn zmien ghal zmien mill-Gvern, u ebda ligi jew dispozizzjoni taghha dwar kondizzjonijiet ta' impieg jew kuntratti ta' servizz jew ta' impieg ma tapplika, u qatt ma kienet tapplika, ghal servizz mal-Gvern hlief safejn dik il-ligi ma tipprovdix xort'ohra

[1] **Supreme Travel Limited vs Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta** (PA 18/01/2011); **Christine Borda vs Direttur tat-Taxxi Interni** (PA 26/11/2015)

[2] Ara per ezempju: Jupiter Co Ltd et vs. Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u Ippjanar (App 3/04/2009); **Christine Borda vs Direttur tat-Taxxi Interni** (PA 26/11/2015); **John Grech et v. Kummissarju tat-Taxxi** (PA 2/03/2016); **L-Avukat Dottor Alexander Schembri noe vs L-Agenzija Identita Malta** (PA 12/12/2017).

Fis-sentenza fl-ismijiet **Helen Borg et vs Il-Prim Ministru et** (App 9/02/2001) intqal li

> Is-sub-inciz 6 ta' dan lartikolu huwa wiehed limitattiv tad-drittijiet. Din il-ligi gustament, finalment, tat lill-individwu d-dritt ghar-rikors quddiem il-Qrati ordinarji biex jissindika gjudizzjarjament l-atti amministrattivi. Dan biex jassigura amministrazzjoni pubblika gusta u ekwa. Kien allura sub-inciz li kellu jigi nterpretat b'mod restrittiv, u f'kaz ta' dubju dan kellu jmur favur li jkun hemm stharrig gjudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva u mhux kontra.

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Edward Paul Tanti vs Segretarju Amminisrattiv tal-Ufficju tal-Prim'Ministru** (App 7/10/2005) fejn rigward dan is-sub-inbiz gie deciza illi

> … kulma jaghmel dana s-subartikolu huwa li jaghti direzzjoni dwar x'ligi jew ligijiet huma applikabbli fir-rigward ta' kundizzjonijiet ta' impieg u ta' servizz mal-Gvern ghall-fini ta' interpretazzjoni u applikazzjoni kemm ta' l-Artikolu 469A kif ukoll ta' kull disposizzjoni ta' ligi ohra, izda mhux li jeskludi l-applikazzjoni ta' l-istess Artikolu 469A ghal kull haga li tinvolvi servizz mal-Gvern.[3]

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan ir-ragunament. Qari tal-Artikolu 469A (6) juri illi dan l-artikolu m'huwiex intiz sabiex jeskludi ghal kollox il-possibilita illi impjegati tal-Gvern iresqu azzjonijiet ta' stharrig gudizzjarju f'ghemil amministrattiv. L-eskluzjoni hija wahda cara u limitata u titratta biss kondizzjonijiet t'impjieg. Il-kaz odjern pero m'huwiex dwar kondizzjonijiet t'impjieg, izda dwar decizjoni mehuda mill-intimati relattiva ghall-promozzjonijiet fir-*rank* ta' Kurunell fi hdan il-forzi armati. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti huwa car li din l-eskluzjoni ma tapplikax fil-kaz odjern ghaliex il-promozzjoni tal-membri tal-forzi armati m'hijiex kondizzjoni ta' impjieg izda tinvolvi ezercizzju ta' diskrezzjoni minn naha tal-awtoritajiet amministrattivi kompetenti. Dan l-ezercizzju ta' diskrezjoni huwa regolat bil-ligi, u ghalhekk din il-Qorti ma tistghax tigi zvestita mill-gurisdizzjoni u kompetenza li tissindika jew l-awtoritajiet amministrattivi segwewx id-dettami tal-ligi fl-ezercizzjoni ta' diskrezzjoni taghhom.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qieghda wkoll tigi michuda.

### Att ta' organizazzjoni jew aministrazzjoni nterna

[3]Citata b'approvazzjoni f' **Nikol Borg vs Segretarju Parlamentari fl-Ufficju tal-Prim'Ministru** (App 27/01/2006).

L-intimati eccepew illi l-promozzjonijiet li dwarhom qed jilmenta r-rikorrent huwa atti ta' organizazzjoni jew aministrazzjoni nterna u ghaldaqstant m'humiex sindikabbli minn din il-Qorti.

Rigward din l-eskluzjoni intqal illi l-legislatur Malti kien gie ispirat mill-ligi amministrattiva Franciza, li wkoll tipprekludi l-istharrig gudizzjarju ta' '*mesures d'ordre interieur administratives'* u ghalhekk issir referenza ghal dak li jinghad mill-awturi L. Neville Brown u John S. Bell fil-ktieb taghhom French Administrative law (eg. 1993, pg. 154 – 155):

> The French draw a distinction between actes administratifs and those measures which may be regarded as no more than the administration putting its own house in order. Such domestic 'house-rules' are described as measures of purely internal orgnisation within the administration (mesures d'ordre interieur administratives) and are not normally open to judicial review at all. Thus one cannot challenge a departmental circular giving advice (as distinct from directives) on the interpretation of a statute; nor an instruction about school uniform or curricula ... A similar attitude is taken towards disciplinary measures in the armed forces. ... ... But above a certain point the administrative measure may become, because of its gravity, an acte administratif within the cognizance of the administrative judge (see CE 26 January 1966 DAVIN, where the peremptory expulsion of a pupil from a state school was adjudged so grave a sanction as to fall outside the category of such 'measures', and to be an acte administratif open to judicial review).[4]

B'referenza wkoll ghall-insenjament tal-awturi Francizi fuq din il-materja, intqal

> Illi skont awtur Franciz [b'referenza ghal Ramu de Bellescize, *Droit Administrativ General*], "*les mesures d'ordre interieur sont des decisions unilaterales emanant d'une autorite administrative. Elles ne sont susceptibles d'aucun recours et leur domaine va en se restrignant*." L-awtur ikompli jghid li dawn l-atti jgawdu immunita' gurisdizzjonali ghal zewg ragunijiet: (1) huma unikament ta' ordni nterna. Ordni li ma tistax tkun effikaci jekk tkun issindakata mill-Qorti, u li kieku kien hekk, tigi mminata l-awtorita' gerarkika u (2) l-importanza minima taghhom. Huma ma jbiddlux il-qaghda guridika ta' dawk li jigu effettwati minnhom. Il-Qorti m'ghandhiex toqghod tinhela fuq il-ftietaq.

Ghalkemm il-ligi ma taghtix definizzjoni ta' dak li jammonta ghal att ta' organizazzjoni jew aministrazzjoni nterna, skont il-gurisprudenza tal-qrati Maltin din it-terminologija

[4] **Nikol Borg vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim'Ministru** (App 27/01/2006).

> … tirreferi biss, kif jindika l-uzu tal-kelma 'interna', ghal affarijiet organizzattivi u amministrattivi interni ta' l-awtorita`, bhal per ez. tqassim ta' xoghol, orarji ta' xoghol, proceduri ta' kif isir ix-xoghol fi hdan dik l-awtorita.[5]

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Raymond Camilleri vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati** (PA 26/10/2010) fejn intqal:

> Illi fid-duttrina dawn l-atti maghmula bil-ghan ta' organizzazzjoni jew tmexxija interna fi hdan xi awtorita' pubblika jirreferu u jillimitaw irwiehhom ghal dawk il-mizuri mehuda biex l-istess awtorita' izzomm certa ordni fit-tmexxija taghha ta' kuljum. B'dan li fejn tali mizura tilhaq certa livell fejn tolqot drittijiet ta' persuni, imbaghad dik il-mizura tidhol fit-territorju ta' ghamil amministrativ li dwaru l-Qrati jistghu jinqdew bis-setgha taghhom li jistharrgu.

Kif intqal fis-sentenza **Denis Tanti vs Prim Ministru et** (App 16/11/2004):

> Huwa veru wkoll li l-organizzazzjoni tas-servizz pubbliku hija haga illi fis-sistema kostituzzjonali taghna taqa' fil-kompetenza tar-ram Ezekuttiv tal-Gvern u mhux fil-kompetenza tal-Qrati; pero`, min-naha l-ohra, l-Qrati ghandhom il-gurisdizzjoni u d-dover li jaraw li l-organi kollha fl-Istat josservaw id-dettami tal-ligi.

Il-Qorti rat illi hemm gurisprudenza kostanti skont liema il-promozzjoni ta' impjegati ta' awtorita pubblika jew governattiva, inkluz fil-forzi armati, ma tammontax ghal semplici att ta' amministrazzjoni jew organizazzjoni nterna.

Fis-sentenza **Nikol Borg vs vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru,** citata aktar -il fuq, inghad illi

> … wara li hasbet fit-tul dwar dan l-aspett, il-Qorti hija tal-fehma li l-kwestjoni sollevata mill-attur hija rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita` pubblika ghall-finijiet li jmorru lill hinn minn organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna, ghaliex jirrigwardaw aspetti finanzjari jew retributtivi li l-attur, wara kollox, qieghed jimmira li jikseb jekk jinghata gharfien retrospettiv ghall-Iskala li jippretendi li ma nghatatlux f'waqtha

Il-Qorti tal-Appell kienet ikkonfermat din id-decizjoni billi qalet hekk:

> Fil-fehma ta' din il-Qorti d-decizjoni tal-konvenut li l-appellant Borg ma jinghatax il-promozzjoni b'effett immedjat ma hijiex mizura intiza ghal organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna, stante li kif jghid l-appellat fir-risposta ta' l-appell tieghu (fol. 61) l-kwistjoni dwar jekk persuna tavvanzax fil-karriera taghha fis-servizz pubbliku hija kwistjoni li primarjament tolqot lil

[5] **Edward Paul Tanti vs Segretarju Amministrattiv tal-Ufficju tal-Prim'Ministru** (App 7/10/2005).

> dik il-persuna, u ma tikkoncernax l-amministrazzjoni interna per se. In oltre l-aspetti finanzjarji ta' ghoti ta' promozzjoni jew nuqqas ta' tali ghotja huma ta' certa importanza ghall-ufficjal pubbliku koncernat, u tali aspetti certament ma jisthoqqilhomx li jigu ekwiparati ma' dawk ta' mizura merament ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna.

A bazi ta' din il-linja ta' hsieb, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Maggur Claudio Terribile AFM vs Prim Ministru et** (4/11/2009) kienet ukoll iddecidiet illi l-promozzjoni o meno ta' membru tal-korp tal-Forzi Armati ta' Malta ma tistghax titqies bhala att ta' amministrazzjoni jew organizzazzjoni nterna.

Fuq vena simili, u fir-rigward ta' promozzjonijiet fi hdan il-Forzi Armata ta' Malta, fis-sentenza **Raymond Camilleri vs Il-Kap Kmandat tal-Forzi Armati** (PA 26/10/2010) gie deciz illi

> … it-tehid minn awtorita' pubblika ta' decizjoni jew rifjut minnha ghal xi talba maghmula lilha minn persuna, jmorru lil hinn minn semplici ezercizzju ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna. Fi kliem iehor, jixraq li wiehed jaghraf id-differenza bejn l-ghazla ta' awtorita' pubblika li ssejjah applikazzjonijiet (imqar jekk fi hdan l-istess awtorita') ghall-mili ta' karigi jew promozzjonijiet, u l-mod kif jitwettaq dak l-ezercizzju. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghandu jkun car li r-rimedju tal-istharrig gudizzjarju skond l-artikolu 469A m'huwiex moghti fil-kaz tal-ewwel, imma huwa moghti u xieraq fil-kaz tat-tieni: il-Qorti ma tindahal bl-ebda mod jekk l-FAM imisshiex taghmel sejha jew ezercizzju ta' promozzjonijiet, izda l-Qorti ma tistax ma tqisx ilment dwar kif ikun twettaq dak il-process ta' ghazla, jekk kemm-il darba jkunu jezistu xi wahda mir-ragunijiet mahsuba fl-artikolu 469A(1) tal-Kap 12.
>
> […]
>
> Illi fid-duttrina dawn l-atti maghmula bil-ghan ta' organizzazzjoni jew tmexxija interna fi hdan xi awtorita' pubblika jirreferu u jillimitaw irwiehhom ghal dawk il-mizuri mehuda biex l-istess awtorita' izzomm certa ordni fittmexxija taghha ta' kuljum. B'dan li fejn tali mizura tilhaq certa livell fejn tolqot drittijiet ta' persuni, imbaghad dik il-mizura tidhol fit-territorju ta' ghamil amministrativ li dwaru l-Qrati jistghu jinqdew bis-setgha taghhom li jistharrgu.

Interessanti wkoll ir-ragunament ta' din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Alan Joseph Fiott vs Id-Direttur Generali, Servizzi Edukattivi fi hdan il-Ministeru ghall-Edukazzjoni u Xoghol** (PA 26/02/2019) fejn gie li "…billi mill-mod kif inhi versata l-ligi, mhux bizzejjed li att ikun oggettivament wiehed ta' amministrazzjoni nterna (bhalma bla dubbju huwa *transfer*) imma biex jattira l-

insindakabilita` tal-Qrati, jinhtieg li l-ghan tal-att ikun ukoll tali: "xi haga li ssir bl-ghan ta'" (fit-test Ingliz: "*intended for*")" u li ghalhekk m'huwiex dejjem il-kaz illi att li *prima facie* jkun ta' amministrazzjoni jew organizzazzjoni nterna ikun awtomatikament insindikabbli. Dan ghaliex dak li jrid jirrizulta huwa li l-iskop innfisu tal-mizura kien proprju ir-retta amministrazzjoni pubblika. Dan intqal b'referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Denis Tanti vs Prim Ministru et,** citata aktar -il fuq, fejn gie deciz illi

> … fis-sistema kostituzzjonali taghna Kap ta' Dipartiment ma ghandux diskrezzjoni illimitata sabiex jiddetermina x'inhuma l-esigenzi tas-servizz u l-mizuri li ghandhom jittiehdu sabiex dawn jigu sodisfatti, fis-sens li ma jistax juza din id-diskrezzjoni b'mod abuziv u illegali. Kieku kien mod iehor ikun ifisser li Kap ta' Dipartiment isir entita` 'l fuq mil-ligi – sitwazzjoni li mhix accettabbli fis-sistema kostituzzjonali taghna mibnija fuq il-principju tar-Rule of Law. Konsegwentement, il-Qrati ghandhom gurisdizzjoni jissindakaw jekk l-azzjoni li tkun ittiehdet tkunx verament konsegwenza ta' l-esigenzi tas-servizz, sabiex jigi accertat li l-Kap ta' Dipartiment ma jkunx qed juza l-poteri lilu moghtija sabiex jilhaq skopijiet oltre dawk li ghalihom f'idejh gie fdat dak il-poter, fi kliem iehor sabiex jigi accertat li l-Kap ta' Dipartiment ma juzax il-poteri tieghu sabiex jikkommetti xi illegalita.[6]

Huwa car ghalhekk mill-iskorta ta' tal-gurisprudenza citata illi din l-eccezzjoni tal-intimati m'ghandhiex mis-sewwa. Il-promozzjonijiet li saru ibiddel sew il-qaghda guridika tal-persuni li gew affetwati minnhom, kemm jekk dawn hadu promozzjoni u kemm jekk le, bhal fil-kaz tar-rikorrenti. L-oghti ta' promozzjoni ghandu impatt kemm finanzjarju u kif ukoll fuq il-progress fil-karriera tal-individwu koncernat. Ghalhekk ma jistghax jinghad illi promozzjoni huwa att ta' mera amministrazzjoni jew organizazzjoni interna meta dan jolqot proprju il-qaghda guridika u d-drittijiet tal-individwi koncernati.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

### Azzjoni ta' stharrig gudizzjarju u ksur ta' drittijiet fundamentali

L-intimati eccepew illi ilment rigward ksur ta' drittijiet fondamentali ai termini tal-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni ma jistghax jigi deciza fl-ambitu ta' kawza ta' stharrig gudizzjarju f'ghemil amministrattiv.

[6] Ara wkoll **Raymond Camilleri vs Il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati** (PA 26 Ottubru 2010) fejn isir argument pjuttost simili.

Kif deciza diversi drabi minn dawn il-qrati, azzjoni ta' stharrig gudizzjarju ma tistghax tkun fl-istess waqt ukoll azzjoni ta' ilment dwar ksur ta' drittijiet fondamentali,[7] u dan specjalment ikkonsidrat il-fatt illi din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni u kompetenza sabiex tiddetermina kwistjoni ta' drittijiet fondamentali galadarba tali gurisdizzjoni u kompetenza hija vestita espressament u esklussivament fil-qrati kostituzzjonali. Skont il-gurisprudenza,

> meta l-artikolu 469A(1)(a) jitkellem dwar ghemil amministrattiv li jikser il-Kostituzzjoni, huwa mifhum li dawk il-kliem jirreferu ghal xi dispozizzjoni tal-istess Kostituzzjoni li mhijiex maghduda fost id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu IV taghha.[8]

Illi huwa utli hawnhekk illi ssir referenza ghal dak deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co Ltd** (PA 3/10/2003) fis-sens li

> … fejn f'azzjoni quddiem xi qorti "ordinarja" titqajjem il-kwestjoni ta' trattament diskriminatorju, ma jkux ifisser li qorti bhal dik ma tistax tqis ukoll it-taghlim u t-thaddim tad-dispozizzjonijiet tal-Kostituzzjoni firrigward. Kien ghalhekk li nghad li "materja ta' diskriminazzjoni ma hijiex rizervata biss ghall-investigazzjoni u rettifika mill-organi gudizzjarji kostituzzjonali. Jekk l-organi l-ohra, proprju bhal ma hi din il-Qorti, jistghu jipprovdu skond il-ligi ordinarja rimedju xieraq u adegwat ghal lezjoni, attwali jew mhedda, ta' jedd fundamentali, kien dan l-istess rimedju li kellu, u ghandu, fl-ewwel lok jigi mfittex. ... Fl-ambitu tarrelazzjonijiet regolati mil-ligijiet ordinarji ghandhom jircievu, imbaghad, protezzjoni shiha mhux biss id-drittijiet jew obbligi tal-ftehim, izda wkoll il-harsien pjen tal-jeddijiet fundamentali li l-ligi ordinarja kellha wkoll tassigura. Harsien u protezzjoni kontra l-vjolazzjonijiet tal-jeddijiet fundamentali. Fil-verita` ma hemm xejn x' josta li xi hadd jagixxi kontra min hu minnu meqjus fi htija ghall-vjolazzjoni ta' xi jedd fundamentali tieghu. Kif jinsab osservat, "dan ghaliex ghandu jkun pacifiku li kull individwu kien tenut u marbut li josserva d-dettami tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni – din ta' l-ahhar illum parti mill-ordinament guridiku nostran – kif kellu jkun pacifiku li l-Qrati kollha, u mhux biss il-Prim'Awla fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, u din il-Qorti, kellha tinterpreta u tapplika il-ligijiet fid-dawl tad-dispozizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni.[9]

Illi fil-kaz in ezami, il-Qorti taghraf illi l-mod kif giet impostata l-azzjoni mir-rikorrent ma huwa xejn felici u verament jidher illi r-rikorrent hawwad l-azzjoni kostituzzjonali mal-azzjoni ta' stharrig gudizzjarju f'ghemil amministrattiv, tant illi meta gie mitlub sabiex jikkjarafika l-azzjoni tieghu, l-avukat difensur tar-rikorrent wiegeb illi din l-

[7] Ara per ezempju: **Christopher Hall et vs Direttur tad-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali et** (Kost 18/9/2009);
[8] **L-Avukat Joseph A. Schembri noe et vs Il-Ministru tal-Intern u s-Sigurta Nazzjonali** (PA 15/04/2014).
[9] Citata b'approvazjoni fis-sentenza **L-Avukat Joseph A. Schembri noe et vs Il-Ministru tal-Intern u s-Sigurta Nazzjonali** (PA 15/04/2014).

azzjoni hija aktar wiesgha minn semplici kawza ta' stharrig gudizzjarju f'ghemil amministrattiv. Illi, pero, tali azzjoni hija wahda specifika u ma jistghax ikun illi tkun aktar wiesgha minn hekk. Il-Qorti tqis illi ma jkunx legalment inkorrett illi tasal li tilqa' din l-eccezzjoni, ikkonsidrat partikolarment il-fatt illi fl-ewwel talba tieghu ir-rikorrent qed jitlob proprju li jigi dikjarat li huwa sofra ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu, u jinghata rimedju ghal din il-lezjoni li manifestament huma talbiet ta' natura kostituzzjonali u jmorru oltre mill-ambitu tal-kawza odjerna.

Illi pero, kif diga inghad aktar -il fuq, il-qrati ghandhom dejjem jezercitaw cirkospezzjoni kbira fid-determinazzjoni ta' eccezzjonijiet li jwassluhom sabiex jiddeklinaw milli jezercitaw il-poteri u jaqdu l-obbligi ta' stharrig gudizzjarju previsti fil-ligi. Wara li hasbet sew fuq dan il-punt, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi din l-eccezzjoni m'ghandhiex tigi milqugha. Ghalkemm huwa minnu li r-rikors promotur tar-rikorrent seta' gie impostat ferm ahjar, il-Qorti rat illi wara diversi sollecitazzjonijiet sabiex jaghmel hekk, l-avukat difensur tar-rikorrent eventwalment prezenta nota permezz ta' liema kjarifika illi din l-azzjoni qed tigi bbazata fuq l-artikolu 469A (1) (b) tal- Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili. Minn qari tar-rikors promotur u tan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent jidher imbaghad illi l-azzjoni qed tigi bbazata proprju fuq il-paragrafu (iii), u senjatament fuq il-fatt illi allegatament id-decizjoni impunjata giet maghmula fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti. Barra minn hekk, minn qari tan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti din il-Qorti tifhem illi l-ilment ta' diskriminazzjoni tar-rikorrent m'huwiex ibbazat fuq diskriminazzjoni fis-sens kostituzzjonali. L-ilment ta' diskriminazzjoni tar-rikorrenti jidher li huwa bbazat fuq il-fatt illi allegatament l-intimati ibbazaw id-decizjoni taghhom fuq konsiderazzjoni irrelevanti li skont ir-rikorrent waslu sabiex min inghata promozzjoni jibbenefika minn trattament specjali b'konsegwenza li hu jigi diskriminat. Ghalhekk ma jidhirx illi l-ilment ta' diskriminazzjoni tar-rikorrent jista' jitqies bhala ilment ta' natura kostituzzjonali u mhux ilment fir-rigward ta' ghemil amministrattiv.

Ghalhekk jidher car illi fil-fundament taghha din hija kawza ta' stharrig gudizzjarju f'ghemil amministrattiv. Huwa car ukoll illi l-intimati ma kellhom l-ebda problema illi jifhmu dan, ikkonsidrat illi ressqu numru sostanzjali ta' eccezzjonijiet kemm preliminari u kemm fil-mertu, li huma kollha msejsin fuq id-dritt amministrattiv.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi ma jkunx f'loku illi tilqa' din l-eccezzjonijiet u a bazi taghha tichad milli tiddetermina din il-kawza fil-mertu taghha.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Rimedju alternattiv**

L-intimati eccepew illi r-rikorrent ghandu rimedju alternattiva ghal ilment tieghu, u cioe il-dak provdut fl-Att Dwar il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi li taghti lil Kummissjoni il-poter illi tiddetermina ilmenti rigward diskriminazzjoni fuq il-post tax-xoghol.

Din l-eccezzjoni hija bbazata fuq ir-raba' sub-inciz tal-artikolu 469A li jipprovdi hekk:

> (4) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma ghandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f'xi ligi ohra.

A kuntrarju ta' azzjoni kostituzzjonali, fejn il-qorti hija moghtija mill-ligi diskrezzjoni sabiex tkompli tisma l-kaz anke jekk jirrizulta illi r-rikorrent kellu rimedju alternattiv a disposizzjoni tieghu, il-ligi amministrativa ma taghtix tali diskrezzjoni lil qorti f'azzjoni ta' stharrig gudizzjarju f'ghemil amministrattiv, u ghalhekk il-qorti ghandha tassattivament ma tkomplix tiddetermina kawza ta' dan it-tip fejn jirrizulta illi r-rikorrent kellu a disposizzjoni tieghu rimedju quddiem qorti jew tribunal provdut f'xi ligi ohra. Ghalhekk din l-eccezzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni stretta, ghaliex il-qorti m'ghandhiex facilment taccetta illi tigi prekluza milli tissindika ghemil amministrattiv skont ma hu d-dover taghha fil-ligi.[10]

Skont il-gurisprudenza tal-qrati, sabiex tigi milqugha eccezjoni bhal din, li ggib maghha l-konsegwenza tal-eskluzjoni tal-qorti milli tistharreg ghemil amministrattiv, ghandu jirrizulta ghas-sodisfazzjoni tal-qorti illi fil-prattika r-rikorrenti kellu rimedju xieraq u effikaci disponsabbli ghalih taht xi ligi ohra u li naqas li jirrikorri ghalih kapriccozament.[11] Jinkombi fuq il-parti li tallega l-ezistenza ta' tali rimedju alternattiv

[10] **Silpau Operators Ltd vs Chairman Planning Authority** (PA 27/02/2003).

[11] Ara per ezempju: **Joseph Muscat et vs Chairman tal-Awtorita' tad-Djar et** (PA 28/01/2004); **Dr Philip Galea et vs Tigne' Development Co. Ltd. et** (PA 29/03/2004); **Supreme Travel Limited vs Awtorita Dwar it-Trasport f'Malta** (PA 18/01/2011); **Charles Aquilina vs Transport Malta** (PA 3/11/2011); **L-Avukat Joseph A. Schembri noe et vs Il-Ministru tal-Intern u S-Sigurta Nazzjonali et** (PA 15/04/2014); **Garden of Eden Garage Limited vs Awtorita Ghat-Trasport f'Malta** (App 26/06/2015).

illi tressaq prova sodisfacjenti rigward l-ezistenza ta' tali rimedju xieraq u effikaci, u illi r-rikorrent naqas milli jirrikorri ghalih minghajr raguni tajba.[12]

Mill-atti tar-rikors guramentat u min-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent il-Qorti tifhem illi r-rikorrent m'huwiex qieghed jilmenta illi huwa kien vittma ta' trattament diskriminatorju a bazi ta' xi haga projbita mill-ligi bhal ezempju diskriminazzjoni fuq bazi razzjali jew politika. Id-diskriminazzjoni li r-rikorrent jidher li qed jilmenta minnha tidher illi hija l-konsegwenza tal-fatt illi l-intimati allegatament hadu in konsiderazzjoni fatturi rrelevanti meta waslu ghad-decizjoni taghhom rigward min ghandu jinghata promozzjoni, li skont ir-rikorrent wassal sabiex il-persuni indikati fir-rikors guramentat li gew promossi f'dan l-ezercizzju gawdew minn trattament specjali filwaqt li r-rikorrent allegatament gie diskriminat.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti ir-rimedju alternattiv indikat mill-intimati m'huwiex applikabbli ghall-ilment tar-rikorrent, li minflok jinkwadra perfattament fl-ambitu ta' azzjoni ta' stharrig gudizzjarju f'ghemil amministrattiv. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Konsiderazzjonijiet fil-mertu**

**Dritt ghal promozzjoni**

L-intimati eccepew ukoll illi l-azzjoni tar-rikorrent hija insostenibbli peress illi ma jezisti l-ebda dritt li wiehed jinghata promozzjoni.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Maggur Ivan Consiglio vs L-Onorevoli Prim'Ministru** (PA 30/01/2020) fejn fir-rigward ta' eccezzjoni ta' din ix-xorta gie deciz illi

> Illi l-Qorti tqis li din l-eccezzjoni mhix sostenibbli billi l-jedd li wiehed jistenna li jimxi 'l quddiem fil-karriera li jkun ghazel ma jistax jigi eskluz *a priori.* Fost l-ohrajn, impjegat (ukoll jekk ikun membru f'xi forza dixxiplinari) jista' jkollu jedd ghall-promozzjoni li jitwieled mill-kuntratt li jistipula l-kundizzjonijiet tal-ingagg li jkollu. Minbarra dan, hemm bahar jaqsam bejn meta persuna tippretendi li ghandha tinghata promozzjoni, u meta persuna tistenna li l-process tal-ghazla f'ezercizzju ta' promozzjoni jsir kif imiss: dan tal-ahhar huwa jedd li l-ebda kuntratt ma jista' jnehhi."

[12] **Dr Tony Degaetano et vs Planning Authority** (PA 24/09/2001); **Supreme Travel Limited vs Awtorita Dwar it-Trasport f'Malta** (PA 18/01/2011).

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan ir-ragunament, u zzid illi galadarba l-process ta' promozzjonijiet huwa rregolat bil-ligi, u senjatament ir-regolament numru 6 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 220.03 ghalkemm huwa minnu li r-rikorrent m'ghandux dritt ghall-promozzjoni, l-intimati xorta wahda ghandhom obbligu legali illi jsegwu d-dettami tal-ligi fid-decizjonijiet taghhom rigward promozzjonijiet ta' membri tal-forzi armati.

Ghaldaqstant, din l-eccezzjoni hija nfondata u qed tigi michuda.

**Promozzjonijiet accelerati**

Illi fir-rikors guramentat tieghu ir-rikorrent jilmenta illi l-process ta' promozzjoni tal-persuni msemmija fir-rikors tieghu sar bi ksur tal-ligi peress illi ma kienx hemm rakkomandazzjoni ghall-promozzjoni accellerata da parti tal-Kap Kmandat ai termini tar-Regolament 6(2) tal-Ligi Sussidjarja 220.03.

Mix-xhieda prodotti quddiem din il-Qorti rrizulta illi promozzjoni accellerata ssir f'zewg kazijiet:

1. meta individwu jinghata promozzjoni ghal rank li jmiss qabel ma jghaddu l-ammont ta' snin rikjesti qabel ma jkun jista' jsir dan normalment. Mix-xhieda rrizulta illi dan japplika biss sal-promozzjonijiet fir-*rank* ta' Logotenent Kurunell, peress illi minn dan ir-*rank* -il fuq m'hemm l-ebda zmien minimu stabbilit qabel ma persuna tkun tista' tigi promossa ghar-*rank* li jmiss; jew
2. meta jaqbez *rank* (e.g. jigi promoss direttament minn Maggur ghal Kurunell, minghajr ma jkun lahaq gie promoss ghal Logotenent Kurunell).

Il-Qorti ghalhekk tqis illi din il-parti mill-ilment m'hijiex fondata. L-ewwel ipotezi ma tapplikax fir-rigward tal-promozzjonijiet ilmentati minnhom peress illi rrizulta mill-provi prodotti illi m'hemmx ammont ta' zmien minimu illi jrid jghaddi qabel ma' Logotenent Kurunell jigi promoss ghar-*rank* ta' Kurunell. Fir-rigward tat-tieni ipotezi, ghalkemm tnejn mill-individwi indikati kien ghadhom servew fir-*rank* ta' Logotenent Kurunell ghal ammont ta' zmien verament irrizorju, u cioe gimghatejn, jibqa' l-fatt illi legalment

huma ma qabzux *rank* meta gew promossi ghar-*rank* ta' kurunell u ghalhekk ma jistghax jinghad illi kien hemm promozzjoni accellerata.

**Diskriminazzjoni**

Ir-rikorrent jargumenta illi l-unika raguni ghalfejn huwa ma giex promoss u li gew promossi il-Brigadier Jeffrey Curmi, il-Kurunell Pierre Vassallo, il-Kurunell Mark Said u l-Kurunell Mark Mallia huwa ghaliex l-intimati hadu in konsiderazzjoni ragunijiet irrelevanti li waslu sabiex il-persuni msemmija jinghataw trattament specjali u per konsegwenza huwa sofra diskriminazzjoni minhabba dan. Ir-rikorrenti jargumenta illi huwa ghandu hafna aktar anzjanita mill-erba' persuni msemmija u ghalhekk hu kien aktar idoneju ghal promozzjoni.

Permezz ta' nota datata 15 ta' April 2016 ir-rikorrent kjarafika illi huwa qieghed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq l-artikolu 469A(1)(b) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili. Dan l-artikolu jipprovdi:

> Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal-gustizzja ta' kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validità ta' xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss:
>
> (b) meta l-eghmil amministrattiv ikun ultra vires ghal xi raguni minn dawn li gejjin:
> (i) meta dak l-eghmil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew
> (ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq tal-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijietta' qabel dwar dak l-eghmil; jew
> (iii) meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha tal-awtorità pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;
> (iv) meta l-eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi.

Illi r-rekwizit li awtorita li tkun qed tiehu decizjoni tibbaza d-decizjoni taghha fuq il-konsiderazzjoni relevanti jorbot sfiq mal-element tar-ragonevolezza fid-dritt amministrattiv. Id-definizzjoni seminali tar-ragonevolezza rikjesta minn awtorita pubblika li tkun qed tezerciza diskrezzjoni moghtija lilha bil-ligi inghatat minn Lord Greene fis-sentenza **Associated Provincial Picture Houses vs Wednesbury Corporation**

> person entrusted with a discretion must . . . direct himself properly in law. He must call his own attention to the matters which he is bound to consider. He must exclude from his consideration matters which are irrelevant to what he has to consider. If he does not obey these rules, he may truly be said . . . to be acting ‘unreasonably.’
> lay within the powers of the authority. Warrington LJ in Short v Poole Corporation [1926] Ch
> 66, 90, 91 gave the example of the red-haired teacher, dismissed because she had red hair. That is unreasonable in one sense. In another sense it is taking into consideration extraneous matters. It is so unreasonable that it might almost be described as being done in bad faith; and, in fact, all these things run into one another.
> It is true to say that, if a decision on a competent matter is so unreasonable that no reasonable
> authority could ever have come to it, then the courts can interfere. That I think, is quite right;
> but to prove a case of that kind would require something overwhelming.

Fir-rigward ta’ dak li illum il gurnata hija maghrufa bhala Wednesbury unreasonableness, intqal minn Lord Diplock fis-sentenza **Council for Civil Service vs Minister for Civil Service**

> It applies to a decision which is so outrageous in its defiance of logic or of accepted moral standards that no sensible person who had applied his mind to the question to be decided could have arrived at it.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Maggur Ivan Consiglio vs L-Onorevoli Prim Ministru et** (PA 30/012020) fejn intqal hekk:

> Illi tajjeb jitfakkar qabel xejn il-principju generali li meta tissindika ghemil amministrattiv, il-Qorti ma tistaqsix jekk dan kienx tajjeb jew hazin, bhalma jsir fil-kaz ta’ appell, li jidhol fil-mertu, imma tistaqsi biss jekk dan kienx legali, igifieri jekk giex imhaddem fil-qafas tas-setghat moghtija mil-ligi. L-istharrig gudizzjarju huwa ghalhekk mekkanizmu fundamentali biex jizgura li l-awtoritajiet pubblici ma jaqbzux il-limiti taghhom u tigi mharsa s-saltna tad-dritt. Ghalhekk meta Qorti tissindika ghemil amministrattiv, hija tiddeciedi biss jekk dak l-ghemil ghandux jithassar jew le, izda ma tbiddilx decizjoni mehuda mill-awtorità pubblika li jkollha s-setgha li tiddecidieha b’ohra mehuda mill Qorti stess;
>
> Illi jista’ jinghad li id f’id mal-kwestjoni tar-ragonevolezza ta’ decizjoni jew ghemil amministrattiv, tidhol ukoll dik tar-rilevanza tal-kunsiderazzjonijiet li jintghamlu biex twassal ghat-tehid ta’ tali decizjoni jew ghemil. Din ukoll hija wahda mill-kawzali li fuqhom l-attur isejjes il-kaz tieghu. Maghhom u minhabba l-kawzali specifika tat-thaddim tar-ragonevolezza, jidhol tabilfors l-element tat-thaddim tad-diskrezzjoni li l-ligi taghni biha lill-awtorità amministrattiva pubblika li tkun hadet dik id-decizjoni.

> […]
>
> Illi marbut sfiq ma' dawn il-principji wiehed isib ukoll it-test tar-ragonevolezza tat-twettiq tad-diskrezzjoni. Id-dmir li awtorità tagixxi ragonevolment mhux l-istess bhad-dmir li tagixxi *bona fide*. Ghalhekk, filwaqt li mhux kull ezercizzju ragonevoli ta' gudizzju huwa bilfors korrett, lanqas mhuwa bilfors irragonevoli kull ezercizzju ta' gudizzju zbaljat. F'kaz bhal dan, ix-xiber li l-Qorti jidher li ghandha tuza biex tkejjel bih ikun dak li tqis jekk id-decizjoni li minnha jkun hemm ilment kinitx mistennija li tittiehed minn persuni ragonevoli
>
> Il-kejl tar-ragonevolezza jista' jitqies bhala l-mod kif ghemil amministrattiv ma jithalliex ikun agir arbitrarju jew kapriccuz. Izda jekk kemm-il darba jirrizulta li d-decizjoni amministrattiva taqa' fil-parametri tar-ragonevolezza, imbaghad il-Qorti ta' stharrig ma jifdlilha l-ebda setgha li tindahal fuq is-siwi ta' dik id-decizjoni jew tiddelibera dwar jekk kenitx taqbel maghha jew jekk kinitx tiddeciedi bhalha.
>
> Mhuwiex bilfors irragonevoli kull ezercizzju ta' gudizzju zbaljat.

Fir-rigward ta' ilment ta' diskriminazzjoni relattivament ghal ghemil amministrattiv inghad illi

> The corresponding link between the equality principle and Wednesbury and/or proportionality is made when a court must determine whether any difference in treatment between individuals, or groups of individuals, is justified. Certainly, it is well-established that the courts view the need to treat 'like cases alike and unlike cases differently [as] a general axiom of rational behavior', and it can therefore be expected that the courts will intervene where the justification for a decision is unreasonable within the strong meaning of the Wednesbury principle (i.e. the justification is 'so unreasonable that no reasonable decision-maker' could have offered it).[13]

Il-promozzjonijiet li r-rikorrenti jilmenta minnhom saru fir-*ranks* ta' Kurunell. Ghalhekk dan l-ezercizzju kien regolat mill-provvedimenti tal-regolament 6 (1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 220.03. Dan ir-regolament jipprovdi hekk:

> Bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament dwar promozzjonijiet accellerati, promozzjonijiet ghar-*ranks* hawn taht specifikati ghandhom isiru skond rakkomandazzjoni bazata fuq efficjenza, anzjanita` u ghazla biex timtela vakanza.
>
> A. Ufficjali tal-Kombattiment:
> Tenent
> Kaptan
> Maggur

[13] P. Leyland u G. Anthony, *Textbook on Administrative Law,* 7th ed, OUP 2013)345.

Tenent Kurunell
Kurunell
Brigadier

Din il-parti tar-regolament numru 6 kienet giet introdotta permezz ta' A.L. 139 tal-1991 u ghadha l-istess sal-gurnata tal-llum. Ghalhekk din il-parti tar-regolament kienet applikabbli fiz-zmien meta saru l-promozzjonijiet in kwistjoni. Huwa car illi d-diskrezzjoni tal-Ministru responsabbli hija limitata ai termini tar-regolament imsemmi, ghaliex l-ghazla tieghu trid ta' bilfors issir skont id-dettami ta' dan ir-regolament. Minn qari ta' dan ir-regolament huwa car illi din l-ghazla trid tigi gwidata minn tlett elementi u cioe: efficjenza, anzjanita u ghazla biex timtela vakanza.

L-ewwel nett fir-rigward tal-Kurunell Pierre Vassallo il-Qorti tqis illi l-ilment tar-rikorrent huwa manifestament infondat. Jirrizulta illi l-Kurunell Pierre Vassallo jgawdi ferm aktar anzjanita mir-rikorrent, kemm fis-sens ta' snin fis-servizz, kif ukoll fis-sens ta' anzjanita fir-*rank* ta' Logotenent Kurunell, peress illi huwa kien dahal fis-servizz fid-19 ta' Novembru 1986 filwaqt illi kien gie promoss ghar-*rank* ta' Logotenent Kurunell fl-1 t'Ottubru 2003 u kien il-Logotenent Kurunell li jgawdi l-aktar anzjanita fir-*rank* (Dok. MM1A fol. 204). Minn naha tieghu ir-rikorrent dahal fis-servizz fl-14 ta' Gunju 1993 u inghata promozzjoni ghar-*rank* ta' Logotenet Kurunell b'effett retroattiv minn 1 ta' Lulju 2010. Ghalhekk meta gie promoss ghar-*rank* ta' Kurunell, Vassallo kellu seba' snin aktar mir-rikorrent fir-*rank* ta' Logotenent Kurunell u minn dan isegwi illi l-ilment tar-rikorrent fil-konfront ta' Pierre Vassallo huwa manifestament infondat.

Fir-rigward tal-Kurunell Mark Said jirrizulta wkoll illi m'huwiex minnu illi kien ilu fir-*rank* ta' Logotenent Kurunell gimghatejn biss qabel ma gie promoss ghar-*rank* ta' Kurunell. Jirrizulta anzi illi Said kien ilu fir-*rank* ta' Logotenent Kurunell sa mill-1 ta' Lulju 2010, u ghalhekk ghall-istess ammont ta' zmien bhar-rikorrent. Inoltre l-Qorti tosserva illi filwaqt li f'Lulju 2010 ir-rikorrent kien *acting* Logotenent Kurunell, il-Kurunell Mark Said kien diga qieghed ufficjalment iservi bhala Logotenent Kurunell.

Huwa car mir-Regolament 6(1) illi l-anzjanita hija biss wahda mill-kriterji li ghandhom iittiehdu in konsiderazzjoni meta tinghata promozzjoni. Skont il-ligi stess sabiex tinghata promozzjoni ghandu jittiehed kont tal-efficjenza u l-vakanza partikolari li tkun trid tigi mimlija. Ghalhekk il-fatt wahdu li r-rikorrent ghandu aktar anzjanita minn tnejn

mill-persuni indikati minnu fir-rikors ma jwassalx awtomatikament ghal konkluzjoni illi kellu jigi promoss hu minflokhom. Dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Borg Falzon vs Kmandat tal-Forzi Armati ta' Malta** (PA 7/07/2014) fejn gie deciz li

> Il-fatt li suldat jinqabez milli jinghata promozzjoni m'ghandux jitqies bhala li hu, awtomatikament, kaz ta' ingustizzja. Ghalkemm is-*seniority* hu fattur li jitqies, dan mhux, izda, fattur determinanti wahdu. Is-*seniority* tassumi importanza sew meta jkollok tnejn min nies (jew izjed), f'kollox indaqs f'dawk li huma attributi, u minnhom trid taghzel wiehed.

Il-Qorti tqis illi mill-provi li gew prodotti quddiema jidher filfatt illi l-ideja li certu kwalifiki ghandhom aktar sahha mill-anzjanita ghar-rigward tal-promozzjonijiet m'hijiex xi wahda gdida jew esklussiva ghar-*rank* l-gholjin. Filfatt mix-xhieda li semghat din il-Qorti rrizulta illi fir-*ranks* fejn irid jghaddi minimu ta' zmien stipulat qabel ma individwu jkun jista' jigi promoss ghar-*rank* li jmiss il-process ta' promozzjoni accellerata jintuza proprju sabiex persuna illi tottjeni certu kwalifiki tkun tista' tigi promossa qabel ma jghaddi z-zmien minimu stipulat mill-ligi. Il-Qorti rat ukoll illi fil-process ta' SRAAC (ghalkemm sa issa intuza biss ghall-promozzjoni mir-*rank* ta' Maggur ghal Logotenent Kurunell) l-anzjanita tinghata biss 50 marka mit-total ta' 500. Il-Qorti rat ukoll illi skont ir-Regolament 37 (4) li jirrigwarda promozzjonijiet jipprovdi illi "[s]ervizz li ghandu jigi kalkolat ghandu jghodd ghal promozzjoni." Ghalhekk, jidher ghal din il-Qorti illi fl-evalwar tal-persuni ghall-finijiet ta' promozzjoni is-servizz kollu li jkunu taw fil-karriera taghhom (fit-test Ingliz: *reckonable service*) huwa relevanti u mhux biss is-servizz illi jkun ta f'dak ir-*rank* partikolari.

Illi quddiem din il-Qorti gew prodotti provi dwar il-kwalifiki tar-rikorrent, tal-Kurunell Mark Mallia u l-Brigadier Jeffrey Curmi, li l-Qorti ser tirriporta ghal finijiet ta' kjarezza:

**Ir-rikorrent:**

1993 – 1996 - Segwa Naval Cadet Course gewwa l-Germany fejn gie l-ewwel fil-kors.
1997 – Segwa Boarding Officer Course f'Malta
1999 – Segwa kors fuq Basic Staff Duties fl-Ingilterra
2000 – Ghamel Search and Rescue Personal Computer Familiarization fl-Istati Uniti
2001 – Ottjena US Naval War College Diploma
2007 – Ottjena Advanced Diploma in International Maritime Law mill-IMLI, Malta
2008 – Segwa kors rigward Managing Security: Managing Threats to Ships and Port Facilities

2010 – Segwa kors f'Search and Rescue Mission Coordinator Ops Software fl-Istati Uniti
2011 – Ghamel Hostile Environment Security Training fl-Ingilterra
2012 – Ghamel Pre-Deployment Training on the Border Assessment Mission to Libya
2013 – Segwa Strategy and War Course gewwa l-IStati Uniti

**Il-Kurunell Mark Mallia**
1997 – 1998 - Ghamel l-Infantry Platoon Commanders Course fl-Italja
1999 – 2000 – Segwa ir-Royal Military Academy Sandhurts Commissioning Officer fejn gie moghti il-Brunei Medal
2001 – Segwa Training Programme on How the EU Operates f'Malta
2003 – Segwa kors f'Maritime Crisis Management fl-Istati Uniti
2003 – Segwa kors avvanzat dwar EU Studies on Treaties, Law and Institutions f'Malta
2005 – Segwa il-United Nations Staff Officer Course fil-Germanja
2005 – Segwa course f'Helicopter Drill Procedures fl-Italja
2005 – Ghamel Peace Keeping Training fl-Italja
2005 – Segwa kors ghal Search and Rescue Mission Coordinator f'Malta
2006 – Ottjena Diploma in Management Studies with distinction mill-Universita ta' Malta
2007 – Segwa kors ghal Arms Control Inspector/Escort fl-Italja
2008 – Ircieva Certificate of Appreciation by the EU Ops HQ "*for outstanding support and achievement while contributing to the success of the EU military exercise.*"
2008 – Segwa kors dwar Arms Control Dayton Peace Agreement Assistance fl-Italja
2008 – Ircieva Certificate of Appreciation by the Comando Operative Forze Aeree "*for support that directly contributed to the success of "Squalo 2008*"
2009 – Ottjena Executive Masters of Business Administration with distinction mill-Universita ta' Malta

**Il-Brigadier Jeffrey Curmi**
1995 – Segwa l-Infantry Platoon Commanders Course fl-Italja, fejn gie l-ewwel
1996 – Segwa ir-Royal Military Academy Sandhurst Commissioning Course fejn gie awarded Best Overseas Cadet, the Nigeria Prize, the Brunei Medal u kien ir-rebbiegh tal-Whitbread Cup as Best Marksman
1996 – Ghamel kors ghal Advanced Open Water Diver f'Malta
1998 – Ghamel Apnea Techniques Course f'Malta
1999 – Segwa Basic Staff Duties Course fl-Ingilterra
1999 – Segwa Advances Explosive Ordnance Disposal (Improvised Explosive Device Disposal) Course fl-Ingilterra
1999 – Segwa Overseas Advanced Explosive Ordnance Disposal fl-Ingilterra
2000 – Ghamel Advanced Equipment Inspection and Material Identification Systems Training fl-Istati Uniti
2000 – Segwa DOE/USCS Counterproliferation Training Programme fl-Istati Uniti
2001 – Segwa International Relations Programme f'Malta
2002 – Segwa kors dwar Strategies for Effective Marine Chemical Spills Response in Port Areas and their Approaches
2003 – Ghamel Airport Security Management Course fl-Istati Uniti
2003 – Segwa in-Navy Diving Officer Course fl-Istati Uniti fejn gie l-ewwel

2003 – Segwa Mixed Gases HEO$^2$ Diver Course fl-Istati Uniti
2004 – Ghamel WMD Commodity Identification Training fl-Istati Uniti
2004 – Segwa kors dwar Radiation Protection in Industrial Radiography f'Malta
2004 – Segwa Wheelbarrow MK8 Plus II Training Course fl-Ingilterra
2005 – Ghamel Aviation Security Manages Course f'Malta
2005 – Ghamel GEIS Training Course f'Malta
2006 – Segwa WMD Commodity Identification Training (CIT) fl-Istati Uniti
2006 – Ghamel Underwater ROV Operations Course fl-Istati Uniti
2006 – Ottjena Diploma CBRN (Chemical, Biological, Radiological and Nuclear) fl-Italja
2006 – Segwa il-United Nations Staff Officer Course fil-Germanja
2006 – Ottjena Diploma in Public Administration mill-Universita ta' Malta
2007 – Studja Crimes Under the Sea f'Malta
2007 – Segwa kors Building Vulnerability in relation to Terrorist AttacksL State of Art in Europe; Best Practices; Practical Concepts and Countermeasures fl-Italja
2007 – Ghamel Operational CBRN Instructor Course fl-Italja
2007 – Segwa Arms Control Inspector/Escort course fl-Italja
2008 – Ghamel The Team Challenge Training Programme f'Malta
2008 – Segwa Arms Control Dayton Peace Agreement Assistant Course fl-Italja
2009 – Segwa Advance Explosives Disposal Techniques Course fl-Istati Uniti
2010 – Segwa Improvised Explosive Device Disposal Course fi Spanja
2010 – Segwa International Post Blast Investigations Course fl-Olanda
2011 – Segwa kors fuq IED/EOD Disruption Techniques fil-Polonja
2011 – Ghamel International Improvised Explosive Device Training fl-Ungerija
2012 – Ghamel Combined Strategic Intelligence Training Programme fl-Istati Uniti
2012 – Ghamel National Intelligence Course fl-Istati Uniti
2012 - Ghamel Intelligence Support to Multinational Operations fl-Istati Uniti
2012 - 2013 – Serva bhala CJ 2 Chief Intelligence Analyst- EUNAVFOR/Operation Atalanta fejn il-*performance* tieghu giet rated bhala Outstanding

Il-Qorti tirrileva illi wiehed mill-kriterji li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni meta tinghata promozzjoni huwa ghazla ghal vakanza, u cioe il-persuna irid ikun il-persuna idoneja ghal dik il-vakanza partikolari.

Fir-rigward tal-Kurunell Mark Mallia jirrizulta li l-promozzjoni li kien inghata kienet fil-brank ta'Human Resources tal-FAM. Il-Qorti semghat lil Ministru jispjega kif krucjali ghal ghazla tieghu kien il-fatt illi l-Kurunell Mallia kien ghamel karriera shiha f'din il-branka u aktar importanti minn hekk kellu MBA. Il-Qorti rat filfatt illi l-Kurunell Mallia kien ottjena Diploma in Management Studies b'distinzjoni mill-Universita ta' Malta fejn kien kiteb *long essay* rigward "*Re-training and Re-Allocation of Human Resources within the AFM*" u Executive Master of Business Administration b'distinzzjoni mill-Universita ta' Malta fejn kiteb tezi bit-titolu "*A Critical Analysis of the Selection and Recruitment Methods adopted by the Armed Forces of Malta*" ghall-

liema kien inghata il-*grade* ta' A. Ghalhekk jidher illi l-Kurunell Mallia kien kwalifikat ferm fil-qasam tal-amministrazzjoni u r-rizorsi umani. Din il-Qorti tfakkar illi m'huwiex fil-poter taghha illi tiddeciedi jekk id-decizjoni mehuda mill-intimati kienet wahda tajba, izda sempliciment jekk kienetx legali, inkluz jekk kienetx ragonevoli. Ikkonsidrat l-esperjenza u partikolari il-kwalifiki tal-Kurunell Mark Mallia fil-qasam tal-amministrazzjoni u r-rizorsi umani il-Qorti tqis illi, irrispettivament mill-kwistjoni dwar jekk kienetx decizjoni tajba li jigi promoss hu u mhux il-Kurunell Andrew Mallia, din id-decizjoni ma tirrizultax illi kienet irragonevoli jew diskriminatorja fil-konfront tar-rikorrent.

Fir-rikors tieghu ir-rikorrent ma indikax ghal liema vakanza huwa kien aktar idoneju, u mill-prova ma jirrizultax ezattament liema kienet il-vakanza fir-rigward ta' liema il-Brigadier Jeffrey Curmi inghata promozzjoni. Din kienet prova li kienet tispetta lir-rikorrent, ghaliex galadarba kien hu li allega li huwa kien haqqu l-promozzjoni aktar mill-Brigadier Curmi tant illi jekk ma inghatatx lilu dan kien sforz ta' decizjoni irragonevoli, u ghalhekk kien hu li kellu jgib prova ta' dan. Illi detto dan, jidher illi l-Brigadier Curmi kellu bosta kwalifiki u jidher illi kellu tlett specjalizzazzjonijiet. Il-Qorti rat ukoll illi fl-evalwazzjoni li kienet saret ghas-servizz li l-Brigadier Curmi kien ta bhala Chief Intelligence Analyst waqt l-Operazzjoni Atalanta, li saret xi xahrejn qabel il-promozzjoni tieghu, jirrizulta illi waqt din l-operazzjoni apparti r-rwol tieghu bhala Chief Intelligence Analyst huwa kien "*effortlessly stepped into the Deputy Assistance Chief of Staff (Intelligence) role"* u skont dan il-persuna li rrediga dan ir-rapport "*I have seen twenty officers in various positions during my role as ACOS CJ2 and Major Curmi not only excelled, but stood out amongst both peers and previous incumbents in* ***all*** [enfazi maghmula mir-rapport innfisu] *the intelligence posts."* Il-Qorti terga ttenni illi hija ma tistghax tiddetermina jekk id-decizjoni li jigi promoss il-Brigadier Curmi minflok ir-rikorrent kienetx wahda tajba jew hazina, u lanqas ma tista' tissosstitwiha b'decizjoni taghha. Dak li l-Qorti tista' taghmel biss huwa li tezamina jekk din id-decizjoni hijiex bbazata fuq konsiderazzjoni irrelevanti u ghaldaqstant irragonevoli. Minn ezami tal-kwalifiki u l-esperjenza tal-Brigadier Curmi, il-Qorti ma tistghax tghid illi d-decizjoni illi huwa jigi promoss minflok ir-rikorrent kienet irragonevoli, irrispettivament mill-kwistjoni dwar jekk din kienetx id-decizjoni tajba jew le, jekk kienetx id-decizjoni li kienet tiehu din il-Qorti.

Il-Qorti tifhem illi l-process permezz ta' liema gew promossi il-Brigadier Jeffrey Curmi u l-Kurunell Mark Mallia kien dubbjuz ikkonsidrat li gew promossi darbtejn fi zmien gimghatejn u ikkonsidrat ukoll fl-isfond tat-tibdil li sar fis-sistema ta' SRAAC. Illi pero, il-Qorti ma tistax issejjes id-decizjoni taghha fuq suspetti jew dubbji, izda biss fuq il-provi konkreti illi jkunu gew prodotti quddiemha, u tiddeciedi l-kawza skont il-kawzali proposti mir-rikorrent, il-ligi u l-fatti li jkunu rrizultaw, u lanqas ma tista' tasal ghad-decizjoni taghha a bazi tal-opinjoni taghha rigward min kellu jigi promoss specjalment ghaliex hija m'hijiex kwalifikata biex taghmel tali decizjoni.

Illi ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-ilment tar-rikorrent m'ghandux mis-sewwa u ghandu jigi michud.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet preliminari kollha tal-intimati, tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent. L-ispejjez ghandhom jithallsu mill-partijiet fi kwoti ugwali.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur